

Brussell, 12 ta' Frar 2024
(OR. en)

5663/24

CO EUR-PREP 3

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (21 u 22 ta' Marzu 2024) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ kontinwu tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

II. SIGURTÀ U DIFIŻA

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tas-sigurtà u d-difiża, inkluż il-ħtieġa tal-Ewropa li ttejjeb l-istat ta' tħejjija ġenerali tagħha fid-difiża u tkompli ssaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tagħha, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar passi ulterjuri biex l-industrija Ewropea tad-difiża ssir aktar reżiljenti, innovattiva u kompetittiva.

III. LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

IV. PUNTI OĦRA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-prijoritajiet għas-Semestru Ewropew 2024 u ser ikun mistieden japprova r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa t-tħejjijiet għall-Aġenda Strateġika l-ġdida.

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija.